**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-30 ta' Novembru 2022**

Kaz Nru: 133/21

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Andy Rotin)

**kontra**

**SEAN ZAMMIT**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0276892(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Sean Zammit ta' disgha u ghoxrin sena (29) iben Anthony Zammit u Jacqueline nee' Grima, imwieled il-Pieta' Malta, dakinhar tal-31 ta' Mejju 1992 u residenti gewwa 19, Triq Sant' Antnin, Birkirkara u detentur tal-karta' tal-identita' Maltija bin-numru 0276892M, akkuzat talli nhar id-9 ta' Awwissu 2021, ghal habta tat-tlieta ta' filghaxija 15:00hrs u /jew hinijiet qabel Triq ix-Xatt, Gzira u jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1. Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu bid-digriet  data id-9 ta' Jannar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta  (Magistrat Dr. Micallef Trigona LL.D.) u dan billi ikkommetta reat ta' natura volontarja;
2. Ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Mercedes Benz C220 bin-numru ta' registrazzjoni HER220 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan valida mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura;
3. Kellu fil-pussess tieghu '*droga u/jew psikoattiva gdida*' hekk kif definita fl-artikolu 118A(1) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura meta ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskju ta' terzi persuni;
5. Talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka d-digriet ta' helsien mill-arrest hawn imsemmija ta' Sean Zammit u tordna l-arrest tieghu mill-gdid, kif ukoll tordna li s-somma ta' 1,000Euro bhala depozitu u s-somam ta' 4,000Euro bhala garnzija personali li ghandu mposti fuqu bid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (malta) (magistrat Dr. Michael Micallef Trigona LL.D) datat 09 ta' Jannar 2012 jghaddu favur il-Gvern ta' Malta hakk kif stipulat fl-arrtikolu 579 (2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minhabbar li tinflingi l-piena stabbilita skont il-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tla-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligjiet ta' Malta li permezz tal-istess Ordni, ordnat li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];
Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

[1] Fol. 36 tal-atti processwali

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li waqt li xi pulizija mis-sezzjoni tar-Rapid Intervention Unit kienu ghaddejjin bir-ronda taghhom fl-inhawi tal-Gzira nhar id-9 t' Awwissu 2021 huwa identifikaw lill-qua imputat isuq vettura tal-marka Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni HER 220. L-istess ufficjali jispjegaw li hassew li kellhom suspett ragonevoli sabiex iwaqqfuh tenut kont li kien qed isuq minghajr flok u kien maghruf maghhom precedentament fuq sewqan minghajr id-debita licenzja. Hekk kif ipparkja huma ipparkjaw warajh u immedjatament innotaw li l-licenzja fuq il-windscreen tal-vettura kienet tghajjat vettura ohra (GBG516) u kienet imqatta bl-imqass. Minn verifiki li ghamlu mal-kwartieri generali tal-pulizija rrizulta li l-istess vettura kellha l-licenzja kif ukoll il-polza tal-assigurazzjoni skaduta. Minn tfittxija li saret fil-vettura tieghu rrizulta li kien hemm bott tal-coca maghluq bil-foil minn fuq u bi straw fil-genb bil-ghan li jintuza ghall-konsum ta' sustanzi illeciti. Di piu' fil-pouch instabet sustanza hadranija li kienet suspettata droga illecita. Huwa gie arrestat u mehud fl-ghassa tal-Hamrun ghall-iktar investigazzjonijiet. Hemmhekk l-ispettur Andy Rotin hadlu stqarrija fil-prezenza ta' PC1176 Leon Cutajar, u dana wara li gie mwissi bid-dritt tas-silenzju u mghoti d-dritt ghall-assistenza legali (liema dritt huwa rrifjuta). F'din l-istqarrija l-qua imputat Zammit ammetta li kien qed jaghmel uzu minn vettura minghajr licenzja u d-debita polza t'assigurazzjoni. Huwa ddikjara ukoll li s-sustanza li nstabet fil-vettura kienet tieghu. Din l-istess sustanza giet sussegwentament esebita fl-atti processwali odjerni u analizata minn espert mahtur ghal dan l-iskop – ix-xjenzat Godwin Sammut. Ix-xjenzat Godwin Sammut min-naha tieghu kkonkluda:

> *"Illi fuq estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm gewwa d-dokument immarkat K/B/300/2021 Dok AR1 ma nstabux sustanzi illeciti. Ghalkemm il-haxix ta' lewn ahdar kien konsistenti ma' synthetic cannabinoids, f'dan il-kaz il-haxix kien negattiv ghal synthetic cannabinoids."*[2]

B. Kunsiderazzjonijiet dwar htija o meno

[2] Fol. 61 tal-atti processwali.

Illi mill-provi mressqa jirrizulta car li l-qua imputat ma kellux id-debita licenzja tas-sewqan sabiex ikun jistgha jsuq il-vettura u lanqas ma kellu l-polza t'assigurazzjoni. Fil-fatt mix-xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta (Karen Cremona) jirrizulta li l-imputat qatt ma kellu licenzja tas-sewqan. Mix-xhieda tal-ufficjali tar-Rapid Intervention Unit jirrizulta li huwa osservaw lill-qua imputat isuq. Dan huwa adirittura ammess fl-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat wara li nghata d-drittijiet kollha spettanti lilu. L-istess jistgha jinghad ghall-polza t'assigurazzjoni. Il-qua imputat ammetta mal-pulizija li l-imsemmija vettura ma kelliex polza ta' assigurazzjoni. Konsegwentament, fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi l-imputazzjonijiet numru tnejn u erbgha gew sodisfacentament pruvati.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni, l-qua imputat Sean Zammit, jinsab akkuzat talli kien fil-pussess tas-sustanza psikoattiva gdida. Illi mill-analizi li ghamel ix-xjenzat Godwin Sammut kjarament jirrizulta li s-sustanza elevata mill-pussess tal-qua imputat ma kinitx synthetic cannabinoid u konsegwentament ma kinitx illegali. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi t-tielet imputazzjoni ma gietx sodisfacentament ippruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi illiberat minnha.

In kwantu ghall-ewwel imputazzjoni li tirrigwarda l-ksur ta' kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti permezz ta' digriet data id-9 ta' Jannar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona – irid jinghad li l-prosekuzzjoni esebiet l-imsemmi digriet fl-atti processwali (issir referenza ghal Dok. AR3). Giet ingunta ukoll l-ispettur Sarah Magri, li kienet l-ufficjal prosekutur fl-imsemmija kawza li kkonfermat l-identita' tal-imputat u li l-imsemmija kudizzjonijiet ghandhom in vigore. Jirrizulta li skond l-imsemmija digriet, il-qua imputat kien obbligat li ma jikkomettiex delitt iehor. Fid-dawl ta' dak li nghad iktar qabel f'din is-sentenza b'mod partikolari rigward l-imputazzjonijiet numru tnejn u erbgha, Zammit ser jinsab hati ta' din l-imputazzjoni.

Fl-ahhar net, in kwantu ghall-imputazzjoni numru hamsa migjuba kontrieh u cioe' l-imputazzjoni li tirrigward l-addebitu tar-recidiva, jrid jinghad li ghalkemm gew esebiti s-sentenzi relattivi, l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dwar jekk il-pieni hemmhekk inflitti gewx skontati jew altrimenti u meta sar dan. Fin-nuqqas ta' dan Zammit ser jigi illiberat mill-hames imputazzjoni.

C. <u>Kunsiderazzjonijiet ai fini ta' Piena</u>

In kwantu ghall-piena din il-Qorti ser tqis in-natura tal-imputazzjoni li taghhom il-qua imputat qed jinsab hati, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat minn fejn kjarament jirrizulta li huwa gia nstab hati diversi drabi ta' akkuzi simili u ghaldaqstant l-imputat jidher li qed jippersisti fl-attitudni tieghu ta' inadempjenza mal-ligi u dan minghajr l-ebda sensittivita' dwar il-konsegwenzi (li jistghu jkunu ta' natura serja) ta' ghemilu.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tillibera lill-qua imputat mit-tielet u l-hames imputazzjoni, filwaqt li qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni, u r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah sebgha xhur prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali **ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien sena millum.**

**Ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti qed tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' tlett mitt Ewro (Eur. 300) rapprezentanti parti mill-garanzija imposta ghall-helsien mill-arrest skond id-digriet ta' din il-Qorti (diversament ippreseduta) data 9 ta' Jannar 2012**

**Il-Qorti qeghda ukoll tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja ta' sewqan ghal zmien ta' xahrejn.**

**Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita' taghha taht l-artikolu 28B jekk hija tikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.**

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur